# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 112, miżmumha nhar 19 ta' Ġunju 2019, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fit-tmienja ta' fil-għaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | Mtarfa LC | President |
| • Emvin Bartolo | Mellieħa LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Anne Fenech | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Charles Azzopardi | Rabat LC | Membru |
| • Keith Cassar | Mosta LC | Membru |
| • Sandro Azzopardi | Dingli LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |

| | | |
|---|---|---|
| • Membri Skużati: | | |
| • Dean Hili - | Pembroke LC | Membru |
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Member |
| • Giljan Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| • Mary Ann Abela | Swieqi LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

1. Ittri t' appoloġiji
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Korrispondenza;
5. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
6. Hwejjeġ oħra:
7. Aġġornament.

Il-Laqgħa nfetħet mill-president Anton Mifsud.

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lil membri ta' l-attendenza.

## 1. Qar ta' Appologiji

Is-sinjuri Dean Hili, Peter Sant Manduca, Mary Ann Abela, u Giljan Aquilina kienu skuzati.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħat 112 ittiehdu b'ħalla moqrija.

Charles Azzopardi, issekondat minn Anne Fenech, propona li l-minuti tal-laqgha 112 ikunu approvati. Il-membri qablu unanimanet.

## 3. Komunikazzjoni mill-President

Il-President aggorna lil membri fuq il-ktieb li kien qed jinhadem minn Dr Fenech.

Il-President rega' semmha talba għall-informazjoni li għamlet l-AKL rigward it-tenders ta' l-skart. Talab lis-Segretarju Ezekuttiv jerga' jibghat talba lil-kunsilli u dawn jibgħatu l-informazjoni mitluba.

## 4. Rapporti

Is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-membri li Kristina Camilleri tinħatar bhala Deputat Segretarju



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Ezekuttiv. Paul Vella, issekondat min Charles Azzopardi, ippropona lit-talba tas-Segretarju Ezekuttiv tkun milquwa. . Il-membri qablu unanimanet. Ghal daqstant, Kritsina Camilleri qed tkun appuntata bħala Deputat Segretarju Ezekuttiv.

## 5. Korrispondenza

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq korrispondenza tal-AKL rigward gurnata iddedikata ghal-għoti tad-Demm, u issugerixxa li ssir attivita Reġjonali tal-ġbir tad-demm. Il-membri iddiskutew il-materja u qablu dwar dan. Il-President ippropona li issir possibilment lejn l-aħħar ta' Settembru jew fis-6 t'Ottubru. Propost ukoll li jsir transport mill-lokalitajiet kollha ghal-pjazza ta' Bugibba fejn titella l-attivita. Il-membri qablu mal-proposta.

Mental Health

Rigward il-memo tal-AKL rigward il-Mental Health Training Programme, Paul Vella, issekondat minn Anton Mifsud, ippropona li jitella' programm ta' taħrig regjonali, u jitħallas mir-Reġjun. Il-membri qablu mal-proposta.

## 6. Approvazzjoni tal-Pagament

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-iskeda tal-pagament numru 111. Charles Azzopardi ippropona, u Emvin Bartolo issekonda li l-skeda tkun approvata. Il-membri qablu li l-iskeda tkun approvata.

**Affarijiet ohra**

Y-engage

Is-Segretarju prezenta l-kuntratt ghal-kiri ta' garage li ser jintuza ghal-progett. Dan il-post ser iservi biss ghal progett tal-Y-Engage. Dan ser jitħallas mill-budget CIF. Paul Vella, issekondat minn Emvin Bartolo, ippropona li dan il-kuntratt ikun iffirmat. Il-membri qablu.

Book update.

Is-Segretarju Ezekuttiv, spjega li xoghol fuq il-ktieb kien miexi. Il-President talab li jsir kumitat li jikordina attivita reġjonali ghal inawgurazjoni tal-ktieb. Anne Fenech, issekondata minn Emvin Bartolo, innominat li Anne Marie Fenech Adami, Paul Vella u Anton Mifsud ghandhom jifurmaw dan il-kumitat. Il-membri qablu.

Is-Segretaju Ezekuttiv qal li hemm bzonn jinxtara laptop x'gdid. Il-membri qablu biex jinxtara dan il-laptop.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

CIF – Y-Engage – Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li il-kors ta’ Child Care, kien ser jiswa 10.000 ewro. Dan kien jista jsir minn kumpanija wahda biss. Talab li l-membri japprovaw li jitlob permess lid-DLG biex jaqbez il-limitu tad-direct order. Il-Membri qablu li jimxi b’din il-procedura.

Handball Proposal. Is-Segretarju Ezekuttiv, ippresenta proposta li jsiru numri t’attivitajiet, kampjonat u taħrig tal-handball ghat-tfal. Din hija proposta tal-Handball coach nazjonali li tressaq lir-regjun minn Sandro Azzopadri. L-ispiza biex issir dan hija ta 2000 ewro. Charles Azzopardi, issekondat minn Keith Cassar, propona lir-Regjun jidhol ghal din l-ispiza u jtella’ dan il-programm. Importanti li l-logo tar-Regjun jiddahhal kullimkien. Il-membri qablu unanimanet.

Is-Sindku tal-Mosta Keith Cassar, ipprezenta zweġt kotba fuq il-Mosta lir-Reġjun kif ukoll lil kull membru. Dawn kienu zewgt kotba iffakru l-istorja tal-passat tal-Mosta.

## **Aġġornament.**

Qabel l-aġġornament, il-President irringrazzja lil-membri kollha kif ukoll lil-istaff tar-Reġjun ghax xoghol siewi li sar f’dawn l-aħħar snin. Irringrazzja b-mod specjali lil dawk il-membri li servew fir-Reġjun (Charles Azzopardi u Gilja Aquilina) li ma reġawx ikontestaw l-elezjonijiet lokali. Il-President irringrazzja lill-membri ta’ l-appogg li urew ghar-Regjun u awgura li-xoghol ikompli ghal-ġid tal-komunita u jkompli jissahah ir-Regjun.

Il-Laqgħa ntemmet fid-disgħa ta’ fil-għaxija.

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fl-10 ta’ Lulju 2019, fis 19.00 hrs, fl-ufficju administrativ tar-Reġjun.

.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum ...10 ta’ Lulju 2019



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt